TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/55/16/S

Mary Rose Hutchinson

Vs

Mariella Muscat ezercenti l-kummerc bhala Abimbola

Illum 11 ta'Mejju,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Mary Rose Hutchinsonipprezentata fl-10 ta'Marzu,2016 u r-risposta ta' Mariella Muscat ezercenti l-kummerc bhala Abimbola pprezentata fit-28 ta'Marzu,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tas-17 ta'Novembru,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'difett' fiz-zipp ta' "boots" ossia dik ix-xellugija. Il-partijiet qablu li l-'boots' inxtara fil-perjodu tas-'sale' u ghalhekk il-prezz kien wiehed ridott;

Illi r-rikorrenti kkonfermat li hi kienet ippruvat biss iz-zarbuna l-leminija u mhux it-tnejn u li kien biss meta waslet id-dar, li skont hi, indunat li z-zipp kien difettuz;

Illi n-nuqqas ta'qbil sehh ghax l-intimata offriet li jissewwa z-zipp filwaqt li r-rikorrenti riedet il-flus lura;

Illi r-rikorrenti ghamlet id-decizjoni taghha li tixtri l-'boots' u ma saret ebda allegazzjoni li d-difett taz-zipp kien mohbi;

Illi r-rikorrenti kellha kull cans tezamina l-'boots' in kwistjoni u l-intimata offriet li ssewwi z-zipp a spejjez taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Mary Rose Hutchinson filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet ta' Mariella Muscat ezercenti l-kummerc bhala 'Abimbola' b'dan li l-intimata ghandha ssewwi z-zipp tal-'boots' a spejjez tal-istess intimata Mariella Muscat u dan sa gimghatejn mill-llum. Kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru